# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1937

## DUN MIKIEL XERRI

Meta dan il-għadd ta' "Il-Malti" ikun fl-idejn, Dun Mikiel Xerri jkun għalaq mitejn sena mit-twelid tiegħu, u f'Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal ta' twelidu, tkun saritlu, għall-ewwel darba, tifkira ftit u xejn sollenni, u rħama b'erba' kelmiet ta' ġieħ tqegħditlu fil-ħajt tad-dar ċkejkna li kienet tiegħu.

Min hu Dun Mikiel Xerri ? Xtaqna nistgħu nwieġbu għal din il-mistoqsija kif f'pajjiżi oħra jwieġbu għal mistoqsijiet fuq nies kbar li kienu l-ġieħ u l-qawwa tan-nazzjon, jiġifieri ngħidu bir-rqaqat kollha l-fehmiet, l-imħabbiet u l-egħmejjel tiegħu, u nuru mhux biss il-qabar fejn b'għożża kbira huma miżmumin il-fdalijiet tal-ġisem imbierek tiegħu, iżda wkoll il-monument sabiħ li juri lill-Maltin u lill-barrani li jżur il-gżira tagħna, ix-xbieha ta' wieħed minn dawk in-nies li huma bħala mera ta' virtù kbira għall-ġnus kollha li jiġu warajhom. Ma nistgħux; iżda ngħidu dak il-ftit li nistgħu.

Dun Mikiel kien qassis tajjeb, kien Malti safi, kien raġel qalbieni li bla biża' u bla sogħba, b'rasu merfugħa u b'għajnejh mikxufa, milqut mill-balal ta' l-azzarini franċiżi ta ħajtu għal Alla u għall-ħelsien ta' pajjiżu.

Għalina, bħala xirka letterarja, u għar-Rivista tagħna, dan il-ftit hu aktar minn biżżejjed : għaliex dak li aħna xtaqna ngħidu l-lum mhux jekk dan il-qassis kienx għaref, (bħalma aktarx kien), mhux jekk

baqax xi fdalijiet minnu (bħalma, aktarx, baqa'), anqas jekk tidherx x'imkien daqsxejn ta' tifkira, fir-rħam jew fil-bronż, ta' dan il-bniedem: iżda kif qatt ebda poeta Malti ma tqanqal u tħeġġeġ quddiem bniedem hekk kbir u ma kitebx għalih xi innu minn dawk li jtajru x-xrar huma u ħerġin mill-forġa tal-moħħ u tal-qalb. Għax kieku xi poeta fl-imgħoddi, nigges u qajjem xi ftit lit-tajfa maltija min-nghas li kienet fiha, għandu mnejn konna nkunu nafu bosta iżjed milli nafu fuq dan il-bniedem, u kien jirtoqom il-qabar tiegħu, jekk ukoll ma kienx jinbena l-monument għal dejjem.

Gio. Antonio Vassallo, li bħalma għidna darba oħra f'din ir-rivista kien bniedem għaqli u poeta tajjeb, u ħabb lil Malta fl-istorja tagħha, fil-ġmiel tassema u tal-baħar tagħha, fl-egħlejjel tagħha naturali u artifiċjali, u ħabb minn qalbu l-lsien ta' pajjiżu u kiteb bih versi l-ħlewwa tagħhom, għaraf iċanfar ħelu ħelu — u għamel sewwa — lin-nies tagħna, talli qatt ma ħasbu jibnu nitfa ta' monument lill-kbir La Valette li bil-għaqal u bil-ħila tiegħu mexxa lill-Kavalieri u lil misserijietna għar-rebħa tat-8 ta' Settembru, 1565. Iżda għaliex la hu anqas ebda poeta ieħor ma ħaseb iċanfar lill-pajżani tiegħu li ħallew minsi għal kollox bniedem li fi żmenijiet oħra kienu jitkabbru bih Atene u Ruma?

Imma jista' jkun li l-ħtija ma hix tal-poeti.

Issa li ġgajta ta' kiettieba żgħażagħ li jħobbu l-lsien malti u l-letteratura maltija fit-tifsir tagħha l-iżjed sabiħ u għoli, qegħdin jiftħu bħal ħuġġieġa ward, nittamaw illi huma b'versi maħduma bil-għaqal u bissengħa fuq l-inkwina ta' l-imħabba għajjura, jagħarfu jqiegħdu fuq ras Dun Mikiel dak ir-rand li jixraqlu, u mhux fuq ir-ras tiegħu biss iżda wkoll fuq ir-ras ta' oħrajn kbar u minsija.